# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.5

**Kap 1: Il-pjaċir ta' flimkien**

**Lezzjoni 1.5 : Il-Bibbja tgħinni ngħix tajjeb**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiftakru fil-Kelma t'Alla miktuba – il-Bibbja.
2. Jelenkaw l-erba' Evanġelisti.
3. Jitgħallmu s-simboli tal-Evanġelisti u x'ifissru.




**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint – L-Evanġelisti
- http://www.youtube.com/watch?v=jNiApXVR9go (pentecost)
- http://www.youtube.com/watch?v=J5tr4pqWIo4 (pentecost in 2 minutes)
- http://prezi.com/jrnfsooo1y1c/ejja-ejja-spirtu-s-santu/ (kanzunetta bit-tema tal-Ispirtu s-Santu)
- Mill-Ktieb tal-Attivitajiet worksheet 1.5.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi: X'tagħmel meta jkollok ktieb bi storja interessanti?
- Stieden lit-tfal jagħtu r-risposti tagħhom.
  Xi risposti jistgħu jkunu – jaqraw l-istorja kollha – tieħu pjaċir tgħid l-istorja lill-oħrajn - tkun kapaċi taqraha aktar minn darba.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri stampa tal-Bibbja. Staqsi jekk jafux x'inhu dan il-Ktieb.
2. Spjega billi tgħidilhom li dik hu l-Bibbla – il-kelma t'Alla li fuqha rridu nfasslu ħajjitna.
3. Staqsi jekk jafux minn kiteb il-Bibbja u għaliex inkitbet.
4. Fakkar li l-aktar parti li nużaw hija l-Vanġelu, li fih il-ħajja ta' Ġesù.
5. Staqsi jekk jafux min kitbu l-Vanġelu – l-Evanġelisti.
6. Fakkar li dawn l-Evanġelisti kitbu dak kollu li riedhom jiktbu Alla, għax kellhom l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.
7. Staqsi lit-tfal minn fejn jaħsbu li l-Evanġelisti ġabu l-kuraġġ biex jagħmlu dak li riedhom l-Ispirtu s-Santu. Hawnhekk tista' turi xi vidjow dwar Pentekoste minn dawk li għandek fil-kaxxi.
8. Spjega wkoll li l-kelma Evanġelisti tfisser nies li jwasslu il-kelma t'Alla billi jippridkawha.
9. Uri l-powerpoint fejn turi l-evanġelisti bis-simboli tagħhom.
10. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1. ... ga s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex bħala klassi jid... 1 u wara jniżżlu fil-vojt l-kelma addattata.



11. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti u għin lit-tfal jimmarkaw is-simbolu t-tajjeb ma' kull evanġelista.

12. San Luqa - barri; San Ġwann – ajkla; San Mark – iljun; San Mattew – anġlu.

13. Spjega: San Mark: iljun – simbolu ta' kuraġġ u qawwa; San Mattew – anġlu – għaliex beda l-Vanġelu tiegħu bit-tħabbira tal-Anġlu lil Marija; San Luqa: barri figura ta' sagrifiċċju – servizz – saħħa u San Ġwann għandu l-ajkla figra tas-sema u l-għoli – għaliex il-Vanġelu tiegħu jitkellem bi kliem għoli għaliex hu indirizzat lill-Griegi kkonvertiti li kienu jafu ħafna filosofija.

14. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar il-bżonn tal-mistoqsija u tat-talb.

15. Agħlaq il-lezzjoni billi tisimgħu l-kanzunetta dwar l-ispirtu s-Santu.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Fil-Bibbja nsibu l-Kelma t'Alla .

2. L-Ispirtu s-Santu għen lill-Evanġelisti biex jiktbu dak biss li riedhom jiktbu Alla.

3. Is-Simboli tal-Evanġelisti huma:

San Mark- iljun: San Mattew – anglu:
San Luqa – barri: San Ġwann – ajkla.

4. Il-kelma 'evanġelisti' tfisser 'nies li jwasslu l-Kelma t'Alla'.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li meta jkunu pożittivi, ikunu qegħdin jgħinu lil xulxin biex jikbru.

It-tfal jgħinu lil xulxin biex ma jgħixux fil-biża' imma jkunu nies ferħana.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

http://www.youtube.com/watch?v=jNiApXVR9go (pentecost)

http://www.youtube.com/watch?v=J5tr4pqWIo4 (pentecost in 2 minutes)

http://prezi.com/jrnfsooo1y1c/ejja-ejja-spirtu-s-santu/

## Nitolbu



Itlob flimkien mat-tfal dwar l-importanza

Biex l-Ispirtu s-Santu jagħtikom il-qawwa biex

Bħall-Evanġelisti xxandru lil Kristu kif tistgħu

Kullimkien mingħajr biża' imma mimlijinkuraġġ.